# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 229/99**

**Numru 26**

**Paul Cioffi**

**vs**

**Charles Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' tlett mija u hames mitt lira Maltin (Lm350) dovut bhala spejjes u prestazzjoni ta' xoghol li sar fir-residenza "Pamela", Marsascala Road, Marsacala ezegwiti fuq l-inkarigu tal-konvenut u skond l-istima tal-Perit Randolph Bartoli li l-istess konvenut kien accetta.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra bonarja tat-23 ta' Novembru 1998 kif ukoll imghaxijiet relattivi sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dana stante illi x-xoghol maghmul mill-attur huwa ghal kollox inferjuri u ghandu hafna difetti u ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, minnufih, jinghad li skond kif jidher mill-atti tal-kawza l-konvenut ma ressaqx xi provi in sostenn ta' dak eccepit minnu (ara fol 17 u 18 tal-atti b'mod specjali).

Ikkunsidrat

Illi l-attur, minn naha tieghu, xehed permezz ta' "affidavit" sottomess minnu u li jinsab a fol 11 tal-atti. Hawnhekk, l-attur spjega x'kien ix-xoghol li hu esegwixxa, fuq inkarigu moghti lilu mill-istess konvenut, liema xoghol tlesta mill-attur.

F'dan ir-rigward l-attur, pero' semma' li l-konvenut kien irrifjuta li jhallas "b'hafna skuzi" is-somma dovuta ammontanti ghal Lm180 u mhix l-ammont imsemmi fl-avviz. Ghalhekk it-talba in esami tista' tigi akkolta biss fl-ammont ta' Lm180.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm180 u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm180 bl-imghax legali mid-9 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta' Novembru 1998.

Alan Calleja
Deputat Registratur